12 ta' Mejju, 1950.

Imhallfin.

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D

Squadron Leader Walter Thomas Jeffrey

*versus*

Neg. Publio Stellini pr. et ne.

**"Litis Pendentia" — "Res Judicata" — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Appell — Nullità — Art. 795 tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili.**

*Biex ikun hemm lok għall-eċċezzjoni tal-"Litis Pendentia" jeħtieġ (a) li jkun hemm kawża oħra preċedentement intavolata, jew almenu intimata, li għadha mhix terminata, pendenti quddiem l-istess tribunal jew tribunal divers, u (b) li bejn iż-żewġ kawżi jkun hemm l-istess rekwiżiti tar-"res judicata".*

*[illegible] sentenza u jiġu tingħata dik l-eċċezzjoni tiġi mibgħuta quddiem l-istess tribunal preventu bl-istanza preċedenti, meta dan huwa pratikabbli.*

*Din l-eċċezzjoni hija perentorja: għax tolqot il-ġudizzju b'mod li timpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jiġu mogħtija, minn żewġ tribunali diversi, żewġ sentenzi li jistgħu anki jkunu inkonċiljabbli.*

*Deċiżjoni ta' eċċezzjoni perentorja mhijiex digriet interlokutorju, imma sentenza definittiva; u għalhekk, jekk il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", ma tistax tkompli tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża; għax inkella tkun qiegħda tmur kontra deċiżjoni tagħha stess; u għalkemm il-liġi tgħid li l-Qorti "tista' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti l-oħra", in-natura u l-iskop ta' l-eċċezzjoni juru li dak il-kliem ma għandux jittieħed bħala sempliċi fakoltà tal-Qorti diskrezzjonali, iżda bħala imperattiv għall-Qorti.*

*Għaldaqstant is-sentenza li taqta' l-meritu li tiġi mogħtija mill-istess Qorti wara li tkun laqgħet l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", għandha tiġi annullata jekk tiġi appellata.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-attur ippremetta illi fis-7 ta' Diċembru 1948, hu ġie mġiegħel b'qerq jiffirma l-iskrittura fejn huwa ddikjara li xtara l-Ford Van 5 cwts. No. 8839 (dok. A), għalkemm fil-ġurnata ta' qabel hu kien ftiehem li fid-9 ta' Diċembru għandu jagħmel id-"driving test" tal-van fuq imsemmi biex jara jekk għandux jixtrieh jew le; u qal illi l-iskrittura fuq imsemmija ġiet firmata minnu fuq wegħda lilu magħmula li l-istess skrittura kellha tkun kanċellata jekk hu jiddeċiedi li ma jixtrix il-van; u ssokta jgħid illi wara li sar dan it-test hu ma ħariġx sodisfatt bil-van, u talab immedjament li l-imsemmija skrittura tiġi mħassra kif kien imwiegħed; u qal ukoll illi l-karrozza, mill-prova li saret, ma rriżultatx għas-sodisfazzjoni tiegħu, u għalhekk il-konvenut għandu jeħodha lura skond il-ftehim; u żied qal illi l-imsemmi Publio Stellini, permezz ta' l-imsemmija skrittura, ottjena mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'sentenza tal-24 ta' Marzu 1949 fil-kawża "Publio Stellini pr. et ne. vs. Walter J. Jeffrey", il-kundanna ta' l-istess Walter J. Jeffrey għall-ħlas ta' £200 prezz tal-van fuq imsemmi, bl-ispejjeż (liema kawża tinsab qud-

diem il-Qorti ta' l-Appell); u talab li, wara d-dikjarazzjoni u l-provvedimenti meħtieġa, l-iskrittura fuq imsemmija tiġi dikjarata nulla u ta' ebda effett għar-raġuni li l-attur iffirma b'qerq l-istess skrittura, u l-bejgħ tal-karrozza, jekk qatt sar u seħħ, jiġi riżolut, peress li l-kondizzjoni tal-prova fuq imsemmija ma avveratx ruħha skond il-ftehim. Bl-ispejjeż;

Rat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ tal-10 ta' Jannar 1950, li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" mogħtija mill-konvenut u ddekretat is-sospensjoni ta' dik il-kawża sakemm tinqata mill-Qorti ta' l-appell il-kawża l-oħra preċedentement introdotta u msemmija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u ħalliet il-kawża "sine die", u rriżervat il-kap ta' l-ispejjeż għad-deċiżjoni finali; billi kkunsidrat;

Illi l-preġudizzjali tal-"lis alibi pendens", sollevata mill-konvenut u kontemplata fl-art. 795 (qabel l-Edizzjoni Riveduta art. 804) Kap. 15, ġiet hekk spjegata mill-Imħallef Dr. Filippo Pullicino, sedenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fil-kawża "Laferla vs. Grixti", deċiża fil-31 ta' Jannar 1878:— "Vi è pendenza di lite quando una causa è cominciata, e non ancora terminata per sentenza o cessione, dinanzi allo stesso tribunale o tribunali diversi; e la detta eccezione ha luogo quando la lite è tra le stesse parti e e nella medesima qualità, quando le domande sono dirette per lo stesso oggetto, ed hanno la medesima causa; poichè in tal caso ha luogo la prevenzione, ossia la poziorità della domanda precedentemente avanzata, qualora fosse stata già contestata o soltanto intimata". L-istess definizzjoni tinsab adottata, bi kliem identiċi, fil-kawża "Baronessa Trapani Galea vs. Nobile Chierico Galea", maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Mejju 1920, sedenti l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri;

Illi minn dana jiġi illi biex ikun hemm lok għal din l-eċċezzjoni jeħtieġ:— (a) li jkun hemm kawża oħra preċedentement intavolata, li tkun ġà kontestata, jew almenu intimata, u li għadha mhix terminata, pendenti quddiem l-istess tribunal jew tribunal divers; (b) li bejn iż-żewġ kawżi jkun hemm l-istess rekwiżiti tar-"res judicata";

Illi għalhekk, għall-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", jinħtieġu wkoll l-istess rekwiżiti tan-"non bis in idem". Kif

ta Kap. 15), illi r-regola hemm preskritta, tar-rinviju tal-kawża quddiem it-tribunal adit l-ewwel, ma hix regola inderogabili b'mod li jiġu esklużi rimedji oħra adottabili mill-Imħallief skond l-arbitriju prudenzjali tiegħu. Hekk ukoll, fil-kawża fuq ċitata "Baronessa Trapani Galea vs. Nob. Ignazio Galea". Hemm anki r-rimedju tas-separazzjoni, applikat, per eżempju, fil-kawża "Merewether vs. Sharp", P.A. 27 ta' Mejju 1913, "come prudenziale misura intesa eventualmente ad evitare spreco di energie e di spese", kif ukoll fil-kawża "Bonnici vs. Dr. Pullicino et.", Prim'Awla 21 ta' Mejju, 1935;

Rat id-digriet ta'-Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Jannar 1950, li bih dik il-Qorti rriappuntat il-kawża għat-trattazzjoni finali, u fin-nuqqas ta' ostakolu għas-sentenza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Frar, 1950, li biha dik il-Qorti ddeċidiet, in meritu għall-ewwel talba, billi ddikjarat illi l-iskrittura fuq imsemmija hija nulla minħabba qerq bħala prova tal-bejgħ, u in meritu għat-tieni talba billi ddikjarat "per equipollens" illi l-attur ma kienx obligat għall-akkwist tal-van, peress li ma approvax l-istess van; u ordnat li l-ispejjeż ibatihom il-konvenut, ħlief dawk riżervati fil-pronunċja tal-10 ta' Jannar 1950, li jibqgħu bejn il-kontendenti bin-nofs; billi kkunsidrat;

Illi l-attur jibbaża l-istanza tiegħu fuq żewġ motivi:— (1) Illi l-iskrittura eżibita in kopja fol. 4 ta' dan il-proċess, u fl-original fol. 5 tal-proċess pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, hija nulla, għaliex il-kunsens ta' l-attur kien karpit b'qerq; (2) illi l-bejgħ, se maj, sar "sub conditione" li fil-fatt ma avveratx ruħha;

Illi l-attur igħid li hu ma xtarax il-van in kwistjoni, imma kien biss fi trattativi li iixtrih; kwante volte togħġbu meta u wara li jagħmel il-prova tagħha. Hu jgħid illi l-iskrittura ġiet firmata taħt l-assikurazzjoni ta' iben il-konvenut li kienet meħtieġa biex, fil-każ li l-bejgħ iseħħ, ma jintilefx żmien għat-trasferiment tal-liċenza;

Illi skond il-liġi, art. 1024 Kap. 23, l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet, ikunu tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienetx tikkuntratta;

igliid il-Pomerine (pag. [illegible] et seq.) — "L'eccezione di "litis pendentia' suppone che la causa già esisteva innanzi ad altri giudici, fra le medesime parti, per la medesima cosa, e su una domanda fondata sulla medesima causa";

Illi meta wiehed jeżamina ż-żewġ proċessi, dak preżenti u l-iehor quddiem il-Qorti ta' l-Appell, isib preċiżament dawn ir-rekwiżiti, ta' l-"eaedem personae", ta' l-identità tal-"causa petendi", ossija "fundamentum actionis", u ta' l-"eadem res";

Fiż-żewġ kawżi l-istess partijiet qegħdin jikkwistjonaw fuq l-istess bejgħ ta' l-istess van — wiehed qiegħed isostni li l-bejgħ ġie konkjuż u għalhekk il-prezz hu dovut; l-iehor qiegħed isostni li l-bejgħ ma kienx konkjuż u għalhekk ma għandu jagħti xejn. Lanqas jista' l-attur igħid li f'din iċ-ċitazzjoni hu qiegħed jitlob l-inattendibilità ta' l-iskrittura minħabba qerq, mentri fil-kawża l-oħra l-pont hu biss li l-bejgħ ma ġiex konkjuż. Infatti fil-kawża l-oħra, kif jidher ċar millattijiet kollha, il-kontestazzjoni estendiet ruħha anki għal dan il-pont tal-qerq allegat mill-attur odjern. Dan jidher ukoll indiskutibilment ċar mit-termini tal-petizzjoni ta' l-attur odjern, appellant fil-kawża l-oħra, fil-fol. 69, fejn appuntu, fost l-aggravji, jitħaddet dwar li dak il-kunsens tiegħu kien karpit b'raġġiri. Konsegwentement jirrikorru r-rekwiżiti tar-"res judicata", meħtieġa għall-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" — "exceptioni rei judicatae affinis admodum est exceptio litis pendentiae" (Voet. Dig. Tit. "De Exceptionibus");

Illi ma hemmx bżonn jingħad li dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu valjati tant relativament għall-istanza, kemm, filġudizzju fl-ismijiet invertiti, għall-eċċezzjonijiet proposti jew proprji tal-każ ("tantum decisum quantum disputatum");

Illi ordinarjament ir-rimedju hu li l-kawża li fiha tingħata l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" tinbagħat quddiem it-tribunal li ġie prevenut bl-istanza preċedenti. F'dan il-każ dan ma hux pratikabili, għaliex ma hux il-każ li din il-kawża preżenti tinbagħat quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Illi fil-kawża "Rizzo vs. Onorabbli Scicluna", maqtugħa mill-Appell fit-23 ta' Ġunju 1869, dik il-Qorti, presjeduta minn Sir Antonio Micallef, qalet, b'riferenza għad-dispożizzjoni ta' dak li kien allura l-art. 804 (il-lum art. 795 Edizzjoni Rivedu-

Li l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia" hija eċċezzjoni perentorja, u għandha mill-eċċezzjoni tar-"res judicata". "La litis-pendenza ha tutti i punti di contatto con la regiudicata, anzi funziona come una preventiva tutela di questa; per cui fu esattamente detto che l'eccezione di litis-pendenza rappresenta, quanto alla domanda giudiziale, quello che, rispetto all'azione, rappresenta l'eccezione di cosa giudicata (Digesto Italiano, v. Litispendenza, no. 4)". U għalhekk, kif ir-"res judicata" tolqot l-azzjoni, hekk ukoll il-litis-pendenza tolqot il-ġudizzju, u timpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jiġu mogħtija minn żewġ qrati żewġ sentenzi, li, jista' jkun wkoll, ikunu inkonċiljabili. La darba l-Qorti tiddeċidi dik l-eċċezzjoni, l-istess Qorti ma tistax terġa' lura u twaqqa' dak stess li tkun iddeċidiet. U tabilħaqq, id-deċiżjoni ta' eċċezzjoni perentorja mhix xi digriet interlokutorju, iżda deċiżjoni definitiva. Għalkemm, meta l-Qorti tilqa' dik l-eċċezzjoni, ma tistax tkompli tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża, għax inkella tkun tqiegħed lilha nnifisha f'kontradizzjoni, u virtwalment tkun qiegħda tirrevoka deċiżjoni tagħha stess; iżda għandha tħalli l-kontroversja tiġi maqtugħa mill-Qorti l-oħra li quddiemha tkun inġiebet qabel dik il-kontroversja. Huwa veru li fl-art. 795 tal-Kodiċi tal-Proċedura l-liġi tuża l-kliem "tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra". Iżda n-natura u l-iskop ta' l-eċċezzjoni juru li dak il-kliem ma għandux jittieħed bħala sempliċi fakoltà diskrezzjonali, iżda bħala imperativ għall-Qorti;

Ikkunsidrat;

Li fil-fatti l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza, wara li laqgħet l-eċċezzjoni tal-litispendenza, ordnat sempliċement is-soprasessjoni u rriżervat il-kap ta' l-ispejjeż; u mbagħad, wara li reggħet appuntat il-kawża, tat sentenza li biha ddeċidiet il-meritu tal-kawża u pprovdiet fuq l-ispejjeż. B'hekk dik il-Qorti giet f'kontradizzjoni magħha nnifisha, għax fil-waqt li bil-laqgħa ta' l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", irrikonoxxiet l-ostakolu għall-prosegwiment tal-ġudizzju, fil-fatti kompliet il-ġudizzju u ddeċidiet il-meritu tal-kawża hi stess, tat sentenza kontradittorja għal sentenza oħra tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u ppreveniet id-deċiżjoni ta' dina l-Qorti stess. Huwa minnu li fil-kawża l-oħra pendenti quddiem dina l-Qorti, ħin

Illi dik il-Qorti, wara li avvaljat il-provi, sabet aktar attendibili l-versjoni ta' l-attur milli dik ta' iben il-konvenut. Ix-xhieda tal-konvenut tikkonsisti biss fid-"dictum de dicto", u għalhekk, bħala "hearsay evidence", ma hijiex ta' valur. Ir-raġunijiet li għalihom dik il-Qorti ppreferiet il-versjoni ta' l-attur huma dawn li ġejjin:—

*Omissis;*

Hu provat, għalhekk, li l-attur iffirma l-iskrittura in segwitu għall-artifiċju ta' iben il-konvenut fis-sens li dan qal lill-attur li dik kienet meħtieġa biss għat-transfer tal-liċenza;

Mill-provi rriżulta wkoll li l-bejgħ kien taħt il-kondizzjoni espressa li l-van tkun ta' sodisfazzjon għall-attur;

Meta jkun hemm ftehim "espress" f'dan is-sens, allura bejgħ ma hemmx qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni individwali tax-xerrej (art. 1401 Kap. 23). F'dan il-każ dina l-approvazzjoni ma kienx hemm. Hija liġi pożitiva li meta l-patt tal-prova jkun espress, allura x-xerrej ma għandu ebda obligazzjoni sakemm ma japprovax il-ħaġa; u din l-approvazzjoni f'każ simili ta' patt espress tiddependi mill-arbitrju tiegħu biss, ankorkè kapriċċuż;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut li biha appella quddiem dil-Qorti mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Frar 1950;

Rat il-petizzjoni ta' l-istess konvenut, li biha talab irrevoka tas-sentenza fuq imsemmija tat-28 ta' Frar 1950 u l-ħelsien tiegħu mill-ħarsa tal-ġudizzju, u subordinatament iċ-ċaħda tat-talbiet, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-attur Jeffrey, li biha dana appella b'appell inċidentali quddiem dina l-Qorti billi talab ir-riforma tas-sentenza fuq imsemmija tat-28 ta' Frar 1950 tal-Qorti tal-Kummerċ, fis-sens li tiġi konfermata fil-meritu, u li l-pronunċja fuq l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", mogħtija preċedentement mill-istess Qorti tal-Kummerċ fl-10 ta' Jannar 1950, fil-kawża fuq imsemmija, tiġi revokata, biċ-ċaħda ta' l-istess eċċezzjoni; bl-ispejjeż anki ta' dina l-istanza kontra l-konvenut appellant;

*Omissis;*

Ikkunsidrat fuq l-appell prinċipali;

il-Qorti għamlet verbal li bih stenniet l-eżitu tal-kawża preżenti; iżda b'daqshekk il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza ma kisbetx il-jedd li tidħol fil-meritu ta' kawża wara li hija stess laqgħet l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", u għalhekk wara li hi stess irrikonoxxiet l-ostakolu għall-prosegwiment ta' dak il-ġudizzju. U ċertament dak il-verbal ta' dina l-Qorti ma kienx jiġi mtenni jew imħolli li kieku, wara li ġiet maqtugħa l-eċċezzjoni tal-"litis pendentia", dana l-fatt ġie miġjub a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Għaldaqstant, meta l-Qorti reġgħet appuntat il-kawża, la darba ma kienetx għamlitu qabel, ma kellhiex u ma setgħetx tagħmel ħaġa oħra ħlief teħles lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju u tiddeċidi l-kap ta' l-ispejjeż. Hekk għamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 1879 in re "Laferla vs. Grixti" (VIII, p. 695), fis-sentenza tat-18 ta' Mejju 1920 in re "Trapani vs. Galea" (XXIV — II — 183), u fis-sentenza tal-5 ta' Jannar 1923, in re "Howard vs. Billion" (Vol. XXV—II—723). U la darba huwa hekk, it-tieni sentenza ta' l-Ewwel Qorti, i.e. tat-28 ta' Frar 1950, in kwantu ddeċidiet il-meritu, hija nulla u inattendibili;

Ikkunsidrat li l-attur irrinunzja għall-appell inċidentali tiegħu, relativ għas-sentenza biss tal-10 ta' Jannar 1950, rigward l-eċċezzjoni tal-litispendenza;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell prinċipali tal-konvenut; u wara li tiddikjara nulla u inattendibili, limitatament għad-deċiżjoni tal-meritu, is-sentenza appellata fuq imsemmija tat-28 ta' Frar 1950, tirrevoka dik l-istess sentenza anki fuq il-kap ta' l-ispejjeż, u teħles lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju; tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ta' l-appell inċidentali ta' l-attur relativ għas-sentenza tal-10 ta' Jannar 1950, relativa għall-eċċezzjoni tal-litispendenza; u wara li tiċħad l-appell inċidentali ta' l-attur relativ għall-kap ta' l-ispejjeż deċiż bis-sentenza tat-28 ta' Frar 1950, tordna li l-ispejjeż ko'lha taż-żewġ istanzi jħallashom l-attur Jeffrey.